KLR 34/VI/2012

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 10 t'April 2012 f'nofs in-nhar.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.
SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku, Marċel Tabone u l-membru Michel Buttiġieġ.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

Is-Sindku għarraf lill-membri li saret din il-laqgħa b'urġenza sabiex l-offerti tal-*playing field* jinfetħu llum f' nofs in-nhar, il-ħin li fih għalqet l-offerta.

**2. Ftuħ ta' l-offerta - *Upgrading – Construction and finishing* of the *Playing Field* in Victoria, Gozo.**

Infetħu l-offerti skond dokument A. Inħatar bord ta' l-aġġudikazzjoni li hu ffurmat mill-Perit Gordon Vella, l-*Accountant* John Buttiġieġ, Nancy Grech u mill-Kunsill, is-Sindku, il-membri Dr. Michael Portelli u Josef Schembri u s-Seg. Eżekuttiv.

**3. Ftuħ ta' l-offerta – Funtana tal-Bronż għal Pjazza San Ġorġ**

Infetħet l-offerta li ntefgħet skond dokument B anness. Il-membri qablu li d-dettalji jintbagħtu lil Perit Edward Scerri sabiex jagħmel ir-rapport.

**4. Ftuħ ta' l-offerta – *Setup of free Wifi Areas across open spaces in Victoria***

Infetħu l-offerti u dan skond dokument Ċ anness.

**5. Materji oħra**

5.1 Rigward it-Toreno del Delta del Po, is-Sindku għarraf lill-membri li ser jittieħed tim tal-*volleyball* ta' bniet Rabtin mill-iskola Aġius De Soldanis. Magħhom ser ikun hemm l-*Assistant Head* Maria Buttiġieġ u l-kowċ Maria Angela Caruana. Id-delegazzjoni ser ikun immexxijs mis-Sindku u mill-kunsillier Debrincat li hu nkarigat mill-isport. Waqt din iż-żjara ser jiġi ffimrat ukoll il-Patt ta' Ħbiberija mal-Kunsill ta' Goro fl-Italja.

5.2 Mill-MEUSAC ser jintbagħat student universitarju Rabti, Matthew Xerri. Dan sabiex fil-ħin allokat għalih il-Kunsill ikun jista' jissottometti applikazzjoni għal-fondi mill-Unjoni Ewropea. Il-membri qablu li l-applikazzjoni tkun relatata ma skambji li jinvolvi r-residenti.

5.3 Il-membri qablu li billi l-nbeda x-xogħol fuq l-uffiċċju tal-*customer care*, jintalbu stimi sabiex issir sistema kompjuterizzata ta' customare care għall-uffiċini tal-Kunsill.

5.4 Il-membri ġew mgħarrfa li x-xogħol fil-*culvert* ta' l-ilma tat-toroq Ġanni Vassallo, Wied is-Seqer u Sagħtar (PPP) ser jinbeda mit-Tlieta 17 ta'April 2012. Ir-resident ta' dawn it-toroq ser jiġu nfurmati b'dan.

5.5 Il-membri qablu li jinħareġ permess għall-krejn u trukkijiet lill-Frank Tabone fi Pjazza San Ġorġ. Dan b'dawn il-kundizzjonijiet:-

- Il-Perit ta' dan il-bini għandu jiċċertifka li ix-xogħol li jrid isir ma jistax isir b'makkinarju/krejn żgħir.
- Il-permess qed jinħareġ mit-Tnejn 16 ta' April 2012 sa l-4 ta' Mejju 2012.
- Is-Sibtijiet, il-Ħdud, festi pubbliċi u nhar it-23 ta' April 2012 huma esklużi minn dan il-permess.
- M'għandux isir xogħol waqt attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-knisja, bħal ma huma funerali u tiġijiet.
- Id-dħul u l-ħruġ tal-makkinarju għandu jsir wara s-7.00 ta' filgħaxija. Dan sabiex l-attivita' kummerċjali tiġi affetwata mill-inqas.
- Jekk jintużaw trukkijiet għall-ġarr tal-meterjal, m'għandhomx ikunu jaqbżu l-5 tunnellati waqt li jkunu mgħobbija.
- Il-persuna li qed titlib il-permess hi reponsabbli għal kull tip ta' ħsara li l-makkinarju u t-trakkijiet jistgħu jikkawżaw fuq il-wiċċ ta' l-art tal-pjazza li jikludi wkoll id-dwal.

Il-laqgħa spiċċat fis-14.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 24 ta'April 2012 fil-17.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |